MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 144/2004

**Victor Bongalais f'ismu personali u għan-nom u in rappreżentanza ta' ibnu minuri Ricardo Bongalais**

***Versus***

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu korrezzjoni fil-mod kif inkiteb kunjomhom fuq xi atti ta' l-istat ċivili.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi kunjom l-atturi huwa "Bongalais", u dejjem kienu magħrufa b'dak il-kunjom, iżda:
- fl-att ta' twelid numru 6655/1958;
- fl-att ta' żwieġ numru 1613/1984; u
- fl-att ta' twelid numru 3018/1987

il-kunjom huwa muri ħażin bħala "Bongailas".
Għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
1. tgħid illi kunjomhom huwa "Bongalais";

2. tordna illi ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-att ta’ twelid numru 6655/1958;
3. tordna illi ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-att ta’ żwieġ numru 1613/1984;
4. tordna illi ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-att ta’ twelid numru 3018/1987; u
5. tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fid-dokumenti pubbliċi fejn il-kunjom huwa muri ħażin.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. jaqbel mat-talbiet ta’ l-attur;
2. il-korrezzjonijiet mitluba fiż-żewġ atti ta’ twelid, fit-tieni u r-raba’ talbiet, ma hijiex meħtieġa għax il-kunjom huwa muri tajjeb fuqhom;
3. għandha ssir pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif irid l-art. 254 tal-Kodiċi Ċivili; u
4. it-tibdil meħtieġ fl-att ta’ żwieġ ma huwiex attribwibbli għal xi nuqqas tal-konvenut, li għalhekk ma għandux jeħel spejjeż.

Il-qorti, wara li rat li saret il-pubblikazzjoni li trid il-liġi u rat l-atti kollha fil-proċess, sejra issa tagħti din is-sentenza.

Tassew illi kunjom l-atturi huwa muri tajjeb fuq iż-żewġ atti ta’ twelid imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk it-tibdiliet mitluba fit-tieni u fir-raba’ talbiet ma humiex meħtieġa, u l-qorti ma tqisx dawk it-talbiet. Fl-att ta’ żwieġ numru 1613 ta’ l-1984, iżda, kunjom l-atturi huwa muri ħażin, u hija meħtieġa korrezzjoni.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tordna illi, fl-att ta’ żwieġ numru 1613/1984 u fil-kopji u fl-estratti uffiċjali relativi, fil-kolonna relativa għal isem u kunjom ir-raġel miżżewweġ, fil-kolonna relativa għal isem u kunjom il-ġenituri tal-miżżewġin, u fil-kolonna relativa għal isem u kunjom missier ix-xhieda tat-tieġ, jitħassar il-kunjom “Bongailas” u floku jidħol il-kunjom “Bongalais”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------